MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2007

Avviz Numru. 1/2004

**Patrick u Chantal konjugi Goris**

**vs**

**Amabile u Anna konjugi Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-atturi fil-31 ta’ Dicembru 2003 fejn talbu lil din il-Qorti illi tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu dik is-somma li tigi talvolta likwidata, okkorrendo bl-opra ta’ periti nominandi, rapprezentanti danni sofferti mill-atturi fil-fond taghhom, 33, Triq Dun Karm Psaila, Zebbug, u dan minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta’ sengha u arti da parti tal-konvenut Amabile Camilleri fl-esekuzzjoni ta’ xologhlijiet ta’ skavar f’sit adjacenti ghal fond ta’ l-atturi kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment u bl-imghax relattiv sal-

pagament effettiv kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

L-ammont tad-danni ma jeccedix il-hamest elef lira (Lm5,000)

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti Amabile u Anna konjugi Camilleri fejn eccepew:

1. Illi fl-ewwel lok il-kawza hi intempestiva peress illi l-konvenuti kienu disposti jaslu fi ftehim u fil-fatt kienu ghaddejjin diskussjonijiet dwar il-vertenza mal-atturi u l-konsulent legali taghhom u fil-fatt kienu ghadhom qeghdin jistennew risposta biex jergghu jiltaqghu;

2. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda peress illi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi certi hsarat fil-proprjeta’ tal-atturi ma jistghux jigu imputati ghax-xogholijiet li kienu qed jaghmlu l-konvenuti;

3. Illi l-atturi stess kienu qeghdin jaghmlu xogholijiet fil-proprjeta’ taghhom li min-natura taghhom setghu kkagunaw il-hsarat in kwistjoni;

4. Illi l-pendenza li hemm bejn il-partijiet hija kollha kemm hi kwistjoni tal-entita’ tad-danni sofferti mill-atturi fl-incident in kwistjoni;

5. Illi in vista tal-premess il-konvenuti m’ghandhomx ibatu l-ispejjez;
Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet taghha tal-15 ta’ Marzu 2004 fejn innominat lil AIC Godwin Abela bhala tekniku biex jirrelata dwar it-talbiet ta’ l-atturi wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti.

Rat ir-rapport tat-tekniku fuq imsemmi pprezentat fit-22 t’Awissu 2005 u mahluf fl-14 ta’ Frar 2006.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Fl-ewwel eccezzjoni taghhom il-konvenuti qeghdin iqajjmu l-kwistjoni tal-intempestivita' tal-kawza peress li kienu ghaddejjin diskussjonijiet dwar il-vertenza bejn il-partijiet u li kienu qeghdin jistennew risposta minghand l-atturi sabiex jilhqu jaslu fi ftehim. Jidher pero' illi mill-istess affidavit li pprezenta l-konvenut Amabile Camilleri, dan ma kienx il-kaz. F'paragrafu tnax, tlettax u erbatax f'pagna tlieta ta' l-affidavit tal-konvenut, dan ta' l-ahhar jispjega kif inkisru r-relazzjonijiet bejniethom u anke twassal biex isir mandat ta' inibizzjoni ghad illi dana gie michud mill-Qorti u ghalhekk il-konvenut seta' jkompli ghaddej bix-xoghol tieghu. Pero' kien hemm okkazzjoni meta ma kienux qeghdin jitkellmu wara li l-konvenut irrifjuta xi kondizzjonijiet li kien ghamillu l-attur sabiex jitransigu l-kwistjoni. Ghalhekk il-Qorti jidhirlha illi l-atturi kienu intitolati illi jintavolaw din il-kawza ladarba jidher li kien hemm rottura fir-relazzjonijiet bejn il-partijiet u ma hemm xejn intempestiv fl-agir ta' l-atturi.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-atturi huma proprjetarji tal-fond 33, Triq Dun Karm Psaila, Zebbug, illi kienu akkwistaw f'April 2003. Il-konvenuti huma proprjetarji ta' fond adjacenti illi kienu qeghdin ihammlu sabiex jizviluppaw f'fond iehor. It-tekniku nominat mill-Qorti acceda fil-fond ta' l-atturi f'April 2004 wara li sar it-thammil kollu u l-attur kien diga' ghamel xi tiswijiet u xi xogholijiet fil-fond tieghu, pero' waqt l-access seta' jikkonstata xi hsarat, fosthom xorok maqsumin, u *"hairline cracks"* fil-hitan. Fil-bitha fejn hemm il-pool kien twaqqa' hajt tas-sejjieh u nbena hajt tal-bricks, ghad illi dana kien wiehed temporanju. Kien hemm subsidence tal-madum taht il-hajt tal-bricks minhabba t-toqol tieghu u terga' kien sar skavar konsiderevoli fis-sit tal-konvenut fejn il-blat ma kienx tal-kwalita' iebsa u konsistenti.

Madankollu fl-opinjoni tat-tekniku nominat mill-Qorti fil-konkluzzjonijiet tieghu jghid illi minkejja l-attivita' qawwija ta' thammil u skavar *"il-hsarat illi gew ikkawzati mill-konvenut fil-fond ta' l-attur huma ta' natura minima..."*

Ghamel  deskrizzjoni tar-riparazzjonijiet illi kellhom isiru fil-fond ta’ l-atturi u wasal ghal konkluzzjoni illi t-tiswija tal-hsarat kif elenkati minnu jiswew elf u hames mitt lira.

Fis-sottomissjonijiet taghhom il-konvenuti qeghdin ighidu illi huma m’ghandhomx ikunu kostretti illi jhallsu l-ispejjez kollha tal-kawza peress illi skond ir-rapport tal-Perit Ian Zammit, li kien qed jidher ghall-atturi, kien ikkalkola illi t-tiswijiet kellhom jiswew tlett elef lira. Mentri t-tekniku nnominat mill-Qorti llikwida elf u hames mitt lira. Il-Qorti tirrileva pero’  illi fit-talba taghhom l-atturi ma talbux somma fissa izda somma *“da licuidarsi”* u ghalhekk il-Qorti ma tarax li ghandu jkun hemm xi temperament fl-ispejjez ghax wara kollox, ladarba ma ntalbitx somma fissa, l-ammont li gie likwidat mit-tekniku huwa dak l-ammont li ghandu jithallas lill-atturi bhala kumpens ghal hsarat kawzati fil-fond taghhom. Ir-rapport tal-Perit Zammit  hu rapport ex parte u ghandu jitqies bhala parti mill-provi mressqa mill-atturi izda mhux li jiddetermina l-parametri tal-azzjoni  bhal ma hu l-avviz.

Stante n-natura teknika ta’ dan il-kaz, il-Qorti ma tarax illi ghandha tvarja mill-konkluzzjonijiet raggunti mill-perit tekniku. Kif ghallmet il-kawza *Benjamin Camilleri noe vs Charles Debattista noe*, deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fid-9 ta’ Frar 2001 *“opinjoni teknika konfermata bil-gurament minn perit tekniku bhal kull prova ohra setghet tigi skartata mill-Qorti. Dan pero’ mhux leggerment jew kapriccozament imma biss fejn tirrizulta raguni valida mill-atti. Bhala regola hu stabbilit anke mill-gurisprudenza illi l-Qorti ma kellhiex tiskarta u twarrab opinjoni ta’ perit tekniku minnha nominat, ghaliex dik kif inghad tikkostitwixxi element ta’ prova importanti jekk mhux determinanti li kellu jifforma l-gudizzju tal-gudikant”.* (Ara wkoll Veronica Camilleri vs Joseph Thorne Qorti tal-Magistrati 17 ta’ Marzu 1999). Ghalhekk il-Qorti mhix sejra tiskarta r-relazzjoni tat-tekniku minnha nominat peress li jidhrilha li hija prova determinanti li fuqu ghandha tifforma l-gudizzju taghha.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba tal-atturi u tikkundanna lill-konvenuti li jhallsuhom is-somma ta' elf u hames mitt lira (Lm1,500) rapprezentanti danni sofferti mill-atturi fil-fond taghhom, 33, Triq Dun Karm Psaila, Zebbug, u dan minhabba imprezija u traskuragni da parti tal-konvenuti.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------